REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 967/2009

tal-15 ta' Ottubru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 dwar l-esportazzjoni għall-irkupru ta' ċertu skart lil ċerti pajjiżi li mhumiex fl-OECD

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar kunsinni ta' skart [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati,

Billi:

Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet minn Montenegro, in-Nepal, is-Serbja u Singapore għat-talbiet bil-miktub tagħha għal konferma bil-miktub li l-iskart elenkat fil-lista fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u li l-esportazzjoni tiegħu mhix ipprojbita skont l-Artikolu 36 jista' jiġi esportat mill-Komunità għall-irkupru f'dawn il-pajjiżi u għal indikazzjoni minn għandhom dwar liema proċedura ta' kontroll, jekk dan hu l-każ, se tiġi segwita hemmhekk. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll aktar tagħrif rigward Hong Kong, l-Indonezja u l-Ukraina. L-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 [2] għandu għalhekk jiġi emendat biex jikkunsidra dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1a*

It-tweġibiet li waslu wara talba bil-miktub mill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huma elenkati fl-Anness.

Fejn fl-Anness huwa indikat li pajjiż, fir-rigward ta' ċerti kunsinni ta' skart, ma jipprojbihomx jew ma japplikax il-proċedura ta' notifika u kunsens minn qabel bil-miktub kif deskritt fl-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament għandu japplika bil-modifikazzjonijiet kollha li għandhom isiru għal dawn il-kunsinni."

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 hu emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Catherine ASHTON

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.
[2] ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

ANNESS

L-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni għal Hong Kong dwar il-kodiċi tal-iskart B3010 tinbidel b'dan li ġej:

"**Ħong Kong**

(a)	(b)	(c)	(d)
		Minn B 3010: — ethylene — styrene — polypropylene — polyethylene terephthalate — acrylonitrile — butadiene — polyamides — polybutylene terephthalate — polycarbonates — polyphenylene sulphides — acrylic polymers — polyurethane (minhajr CFCs) — polysiloxanes — polymethyl methacrylate — polyvinyl alcohol — polyvinyl butyral — polyvinyl acetate Skart tar-raża jew prodotti ta' kondensazzjoni polimerizzati li jinkludu dawn li ġejjin: — raża mill-urea formaldehyde — raża mill-phenol formaldehyde — raża mill-melamine formaldehyde — reżina epossidika — reżina alkidika — polyamides	Minn B 3010: — polyacetals — polyethers — alkanes C10-C13 (plastifikant) — Perfluoroethylene/propylene (FEP) — Perfluoro alkoxyl alkane — Tetrafluoroethylene/per fluoro vinyl ether (PFA) — Tetrafluoroethylene/per fluoro methylvinyl ether (MFA) — Polyvinylfluoride (PVF) — Polyvinylidenefluoride (PVDF)"

(2) L-annotazzjoni għall-Indonežja hi modifikata fir-rigward tal-iskart li ġej:

"**L-Indonežja**

(a)	(b)	(c)	(d)
			B3010
			B3030
			B3035
			B3130
			Skart ta' plastik solidu GH013 391530 Polimeri tal-klorur tal-vinil ex 3904 10—40"

(3) Wara l-annotazzjoni għall-Moldova (ir-Repubblika tal-Moldova) tidħol l-annotazzjoni li ġejja:

"**Montenegro**

(a)	(b)	(c)	(d)
B3140			
GC010			
GC020			
	l-iskart l-ieħor kollu mniżżel fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006"		

(4) Wara l-annotazzjoni għall-Marokk tidħol l-annotazzjoni li ġejja:

"**In-Nepal**

(a)	(b)	(c)	(d)
			B3020"

(5) Wara l-annotazzjoni għar-Russja (il-Federazzjoni Russa) tidħol l-annotazzjoni li ġejja:

"**Is-Serbja**

(a)	(b)	(c)	(d)
	B1010 – B3020		
Minn B 3030: — Ilbies użat u ħwejjeġ oħra milbusa mittessuti	Minn B 3030: kull skart ieħor		
	B3035		
B3040			
	B3050 – B3070		
B3080			
	B3090 – B4030		
	GB040		
GC010			
GC020			
	GC030 – GN030"		

(6) Wara l-annotazzjoni għas-Seychelles tidħol l-annotazzjoni li ġejja:

"**Singapore**

(a)	(b)	(c)	(d)
			B1010
			B1020
			B1150
			B1200
			Minn B2040: Fdal minn metall imdewweb mill-produzzjoni tar-ram, stabbilizzat b'mod kimiku, li għandu kontenut għoli ta' ħadid ('il fuq minn 20 %) u pproċessat skont l-ispeċifikazzjonijiet industrijali (eż. DIN 4301 u DIN 8201) prinċipalment għall-applikazzjonijiet ta' konstruzzjoni u brix
			Minn B3010: Skart ta' plastik solidu kemm-il darba mhux imħallat ma' skart ieħor u ppreparat skont ċertu speċifikazzjoni
			Minn B3020: Il-materjali li ġejjin, sakemm ma jkunux imħallta bi skart perikoluż: Skart u ruttam ta' karti jew ta' kartuna ta': — karta jew kartun mhux ibbliċjati jew minn karti jew kartun immewġin — karti jew kartun ieħor, magħmul prinċipalment minn polpa bbliċjata kimikament, mhux ikkuluriti fil-massa — karti jew kartun magħmul prinċipalment minn polpa mekkanika (pereżempju, gazzetti, ġurnali u materjal stampat b'mod simili) — oħrajn, li jinkludu kartun laminat iżda mhux limitati għalih biss"

(7) L-annotazzjoni għall-Ukraina tinbidel b'dan li ġej:

"**L-Ukraina**

(a)	(b)	(c)	(d)
		B1010 għajr għal: Ruttam tal-kromju	
		B1020 – B1030	
		B1040 – B1090	
		B1100 għajr għal: Fdalijiet minn metall imdewweb mill-ipproċessar tar-ram għal aktar ipproċessar jew raffinar mingħajr arseniku, ċomb jew kadmju sal-punt li juru l-karatteristici ta' perikolu tal-Anness III	
		B1120 – B1130	
		B1150 – B1240	
		B2010 – B2040	
		B2060 – B2120	
		B3010 għajr għal: — Tetrafluoroethylene/per fluoro vinyl ether (PFA) — Tetrafluoroethylene/per fluoro methylvinyl ether (MFA)	
		B3020 – B3030	
		B3040 – B3060	
		B3070 – B3130	
	B3140		
		B4010 – B4030"	